MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 445/2011

Malta Institute of Computer Science Limited (C-29699).

Vs

Matthew Maggi (Id. 172589M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, disa mija u hmistax il-ewro (€1,915) minghand il-konvenut, rapprezentanti hlas dovut fuq tlitt kambjali u cioe (1) kambjala numru 1-3 ta' €900 li mmaturat fit-28 ta' Dicembru 2010; (2) kambjala numru 2-3 ta' €597.50 li mmaturat fit-28 ta' Jannar 2011; u (3) kambjala 3-3 ta' €597.50 li mmaturat fit-28 ta' Frar 2011, liema kambjali gew debitament iffirmati mill-intimat biex jithallas il-bilanc li ghadu dovut minnu ghal course ta' Cisco IT Essentials u lezzjonijiet privati relattivi ghall-BCS Certificate in IT li l-intimat intrabat li jsegwi mas-socjeta' attrici. Bl-ispejjes kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ ammissjoni pprezentata mill-konvenut fir-rigward tat-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2011, fejn il-partijiet qablu li l-ispejjes tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, disa mija u hmistax il-ewro (€1,915). Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------